# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju 2002**

**Numru   2**

**Avviz  numru   1862/99mm**

**John G. Micallef**

**Vs**

**John Desira**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-22 ta' Dicembru, 1999, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti, liema somma ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1000.00), okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti spejjez u danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Novembru, 1998, f'Tal-Barrani Road, Zejtun, bejn il-vettura IAO 031 tal-attur, misjuqa minn Eric Wadge u DBY 319 misjuqa mill-konvenut, stante li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni

minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tal-25 ta' Awissu, 1999, ta' Lm10 ghall-konsult u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u t-traskuragni tal-eccipjent izda minhabba imperizja, traskurgni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tas-sewwieq tal-vettura ta' l-attur, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-gbir tal-provi fil-kawza odjerna.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma jaqbilx mall-fatti kif deskritti fuq l-iskizz relattiv mill-Pulizija, ghar-raguni li dan ma jaghtix stampa veritiera tal-incident de quo.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali illi gara fis-27 ta' Novembru, 1998, fil-hamsa ta' filghodu (5:00) f'Tal-Barrani Road, Bir id-Deheb, bejn il-karrozza tal-marka Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni IAO 031 misjuqa minn Eric Wadge u xarabank bin-numru tar-registrazzjoni DBY 319 misjuqa mill-konvenut.

Dak il-hin kienet nizla hafna xita u il-kondizzjonijiet tas-sewqan kienu pjuttost perikoluzi.  L-attur xehed illi huwa l-proprjetarju tal-karrozza Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni IAO 031 u fil-hin ta' l-incident kienet misjuqa minn Eric Wadge.  Irrapurtalu dan l-incident, ikkomunika ma' l-kumpaniji assikuratrici, gie nfurmat illi l-hsarat subiti fil-karrozza tieghu kienu gravi u ghalhekk giet iddikjarata *beyond economical repair*.  Il-karrozza zamma u ta lit-tifel tieghu.

Eric Wadge xehed illi dak il-hin kienet hafna xita u kien qieghed isuq bilmod fit-Triq Tal-Barrani, fid-direzzjoni ta' Rahal il-Gdid.  Kif qabez Bir id-Deheb, ra dan ix-xarabank quddiemu li kien ghadu kif hareg minn garaxx illi kien hemm fuq in-naha tal-lemin tat-triq.  S-Sur Wadge ghafas il-*brake*, pero' l-karrozza skiddjat u baqghet titkaxkar ghal fuq ix-xarabank u spiccat feles bejn il-hajt tax-xellug u ix-xarabank.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi x-xarabank kien lahaq diga hargu minn gol-garaxx u ipparkjah in-naha l-ohra tat-triq.  Kien qieghed ibiddel in-numri biex jipprepara r-rotta illi kien ser jaghmel meta f'daqqa wahda sar l-incident u hass daqqa fuq in-naha ta' wara

tax-xarabank u ra l-karrozza misjuqa mis-Sur Wadge imdeffsa bejn ix-xarabank tieghu u il-hajt.

Hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar l-ezattezza ta' l-iskizz illi hemm esebit a Fol 46.  Dana huwa wiehed *to scale* u li gie ppreparat mis-Surgent, pero' l-kejl ittiehed mill-PC 1250 Paul Saliba.  Dana jiddiskrivi l-kundizzjonijiet tat-triq dak il-hin u jghid illi tant kienet xita illi kellu jiehu l-verzjonijiet tal-partijiet fil-garaxx.  Kien hemm hafna ncidenti dik l-ghodwa  u wara li ha l-qisien, ghaddihom lis-Surgent illi pprepara l-iskizz.

Ghal dawk illi huma l-verzjonijiet tal-patijiet, Eric Wadge jghid li filwaqt illi jikkonferma l-angolu tal-vetturi, jghid li l-karrozza tieghu ghandha tersaq aktar lura b'mod illi l-*bonett* jigi aktar hdejn l-istaffa tax-xarabank.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi dan l-iskizz huwa totalment zbaljat.  Ix-xarabank tieghu ma kienx mahrug daqshekk 'il barra mill-hajt, kien hemm angolu zghir bizzejjed sabiex lilu tippermettilu johrog mill-istaffa u jdur dawra max-xarabank.  Il-hsarat fix-xarabank kienu biss fuq wara u bi grif zghir magenbu.  Izda l-karrozza l-ohra ma spiccatx daqshekk il-quddiem.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat dawn il-verzjonijiet u jidhrilha li dik moghtija minn Eric Wadge hija aktar veritiera.  Dana l-ghaliex l-istess konvenut jghid a Fol 55 li, "Biex hrigt mix-xarabank imbaghad kelli naqbez minn fuq il-*bonett* tal-karrozza l-ohra biex nigi fuq il-bankina."  Dana jpoggi l-

karrozza misjuqa minn Eric Wadge nettament magenb l-istaffa tax-xarabank biex b'hekk tikkorrobora l-verzjoni moghtija minnu.

Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni, li l-iskizz a Fol 26 huwa korrett hlief ghall-karrozza ta' Eric Wadge illi ghandha tersaq ftit aktar lura.  Veru illi kien hemm spazju bizzejjed fuq in-naha tal-lemin sabiex jghaddu vetturi ohrajn inkluzi xarabanks.  Dana huwa permessibbli anki bil-pozizzjonijiet tal-vetturi kif jidhru fuq l-iskizz.

Ghal dik li hija l-modalita' ta' l-incident il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut naqas meta pogga l-vettura tieghu f'pozizzjoni skabruza jew perikoluza ghall-utenti l-ohra tat-triq.  Dak il-hin kien hemm vizibilta' ridotta minhabba x-xita qawwija u ghalhekk huwa ferm probabbli illi sewwieq illi jkun gej min-naha ta' Birzebbugia jinduna bix-xarabank tard wisq, aktar u aktar meta kienu ghadhom il-hamsa ta' filghodu (5:00) fejn allura kien ghadu d-dlam.

Min-naha l-ohra s-sewqan ta' Eric Wadge ma jistax jigi ccensurat. Dan kien ghaddej b'velocita' ridotta, kellu l-*wipers* u id-dwal tal-karrozza jahdmu u meta ra dan ix-xarabank quddiemu ghafas il-*brake* izda l-karrozza skiddjat u baqghet diehla fuq l-istess xarabank.

Il-kawza ghall-iskidd ma kinitx attribwita ghal xi fattur negligenti da parti tas-sewwieq izda ghall-prezenza ta' dan ix-xarabank illi kkrea emergenza ghal dan is-sewwieq illi kellu bilfors jaghfas il-*brake* sabiex jevita ncident.

Il-fatt li ma rnexxielux mhuiex xi fattur attribwit lilu.  Skidd huwa fattur newtrali u kif ghallmet il-kawza <u>Il-Pulizija vs Alfred Attard</u> (Vol. XLVII

P. 4 p. 1195) “trid issir indagni jekk kienx hemm negligenza antecidenti jew konkomitanti.  Jekk dina tirrizulta allura hemm responsabbilta’ nonostante l-iskidd jekk le allura l-iskidd ikun imputabbli ghall-*inevitable accident*.”

Bhalma diga nghad, ma rrizultax xi element negligenti da parti tas-sewqan ta’ Eric Wadge u ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi din l-iskidd kienet dovuta interament ghall-emergenza illi nholqot bil-prezenza tax-xarabank kwazi f’nofs il-karreggjata li minhabba f’hekk Eric Wadge tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u sar l-incident.

Ir-ritratti esebiti mill-konvenut juru l-hsarat fuq ix-xarabank fuq il-ponta ta’ wara tax-xellug.  Dana jkompli jsahhah l-argument ta’ Eric Wadge meta jghid illi huwa laqghat ix-xarabank fuq il-genb lemini taghha u baqa’ jitkaxkar it-tul kollu biex spicca feles bejn ix-xarabank u il-hajt.  Evidentement id-daqqa principali kienet fuq dik in-naha kif jidhru fir-ritratti u il-karrozza baqghet titkaxkar lejn il-quddiem.

Il-fatt illi ma jidhrux hafna hsarat jew grif fuq il-genb xellugi tax-xarabank, ma jfisirx illi l-karrozza ma setghetx tispicca fil-pozizzjoni kif indika l-istess Eric Wadge ghax sadanittant il-karrozza wkoll bdiet titkaxkar mal-hajt tax-xellug biex gew ikkawzati l-hsarat lamentati mill-attur.

F’dokument illi dan ta’ l-ahhar esebixxa a Fol 30, l-Omnibus Pool illi tassikura lix-xarabank tal-konvenut, ghamlet stima tal-*pre-accident value* tal-karrozza ta’ l-attur.  Din l-istima qeghda fic-cifra ta’ elf lira Maltin (Lm1000.00).  Ir-*wreck value* gie stmat ghall-tlett mija u hamsin lira (Lm350.00) [Ara wkoll rapport tas-*surveyor* a Fol 32].

Ghalhekk il-valur nett tat-telf illi sofra l-attur huwa ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650.00).

Il-Qorti jidhrilha illi din ic-cifra hija wahda korretta u ghandha tigi mhallsa lill-attur darba ghazel illi jzomm ir-*wreck* tal-karrozza tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Novembru, 1998, f'Tal-Barrani Road, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBY 319 misjuqa mill-istess konvenut u il-karrozza bin-numru tar-registrazzjoni IAO 031 proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Eric Wadge u dana minhabba traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' l-istess konvenut, tillikwida d-danni subiti mill-attur fis-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont lill-attur.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep. Reg.